MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Avviz Numru. 718/2001/1

**Michael Ciappara**

**vs**

**Mirabel Distributors Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 t'Awissu tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex:**

**1. Thassar is-sentenza moghtija fil-Qorti tal-Magistrati, (Malta), Avviz numru 1281/00 JAB fit-23 t'April, 2001, fl-ismijiet "Mirabel Distributors Limited vs Michael Ciappara" ghar-ragunijiet indikati fl-artikolu 811 (b) u dan ghaliex l-attur Michael Ciappara**

**qatt ma gie notifikat bic-Citazzjoni relattiva u sar jaf biss bis-sentenza wara l-ittra tal-konsulent legali tas-socjeta' Mirabel Distributors Limited tat-3 ta' Mejju, 2001;**

**2. Tichad it-talbiet ta' l-istess Mirabel Distributors Limited f'dik il-kawza, bl-ispejjez kontra l-istess Mirabel Distributors Limited konvenuta ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;**

**3. Il-valur tal-kawza li qed tigi ritrattata ma jeccedix l-elf Lira Maltin;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 ta' Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi preliminarjament, it-talbiet huma nulli u irritwali ghax talba ghar-ritrattazzjoni quddiem din il-qorti kellha ssir b'citazzjoni u mhux b'semplici Avviz;**

**2. Illi wkoll in linea preliminari, l-Avviz huwa f'kull kaz null stante illi skond il-gurisprudenza taghna domanda ghar-ritrattazzjoni ta' kawza tippostula zewg stadji separati u distinti – wiehed *`in rescindente'* u l-iehor *`in rescissorio',* b'dan illi z-zewg stadji huma kull wiehed *`a se stante'*, fis-sens li ghandhom isiru zewg talbiet, wahda ghar-revoka tas-sentenza u l-ohra ghall-konsegwenzjali ritrattazzjoni tal-kawza; f'dan il-kaz, ma saritx it-talba apposita biex tigi ritrattata l-kawza gia deciza minn din il-qorti;**

**3. Illi fil-meritu mhux minnu li l-attur ma kienx gie notifikat bl-atti tal-Avviz numru 1281/00/JAB u l-kawza giet deciza wara li saru d-debiti verifiki dwar in-notifika; f'kull kaz, id-ditta esponenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez tal-proceduri ta' ritrattazzjoni;**

**4. Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat id-decizjoni preliminari ta' din il-qorti datata l-1 t'April tas-sena 2003 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu;**

**Semghet ix-xhieda prodotta fir-rigward tal-meritu ta' din il-procedura;**

**Rat id-dokumenti esebiti fir-rigward;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti ta' din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati b'dan il-mod;**

**1. Illi s-socjeta' konvenuta Mirabel Distributors Limited kienet topera ta' agent tas-socjeta' Simonds Farsons Cisk ghad-distribuzzjoni ta' prodotti ta' din is-socjeta' limitatament ghall-inhawi ta' San Pawl il-Bahar, il-Qawra u x-Xemxija;**

**2. Illi jirrizulta mix-xhieda tal-proprjetarju ta' l-istess socjeta' konvenuta, (ara fol 83), li din giet kostitwita fil-15 ta' Jannar ta' l-1996 u giet xolta fil-31 ta' Jannar ta' l-1999; ghalkemm fl-istess waqt dan il-propjetarju jsostni wkoll li din is-socjeta' "ghadha tezisti ghadha miftuha", (ara fol 84);**

**3. Illi l-mertu tal-kawza odjerna jirrigwarda l-ammont ta' elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0),**

**allegatament rapprezentanti bilanc ghall-prodotti ta' minerali li s-socjeta' konvenuta kienet forniet lill-attur;**

**4. Illi wara x-xoljiment tas-socjeta' konvenuta d-distribuzzjoni tal-minerali u tal-prodotti l-ohra kontigwi bdiet issir direttament mis-socjeta' manufattrici stess;**

**5. Illi jirrizulta li s-socjeta' attrici m'ghandhiex il-fatturi necessarji li fuqha tista' tistrieh it-talba taghha, (ara fol 84);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti da parte ta' l-attur jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi kif del resto ikkonfermata mill-istess proprjetarju tas-socjeta' konvenuta r-relazzjoni bejn il-partijiet fuq indikati kienet wahda tajba, (ara fol 84);**

**2. Illi l-attur isostni li kien regolari fil-pagamenti ghall-merkanzija lilu mghoddija mis-socjeta' konvenuta u li r-rapport bejniethom kien wiehed twil fiz-zmien;**

**3. Illi l-attur jirrifjuta t-tezi tas-socjeta' konvenuta li hu ghandu jirrifondi xi pagamenti lilha stante li kull pagament dovut gie regolarment saldat;**

**4. Illi in oltre l-istess attur isostni li r-relazzjoni li seta' kien hemm mas-socjeta' konvenuta kienet biss mas-socjeta' maghrufa bhala Euro Club Hotel Limited ossija Lukanda Limited, (ara fol 93), u qatt ma nnegozja personalment;**

**5. Illi in effetti d-dokumenti pprezentati mis-socjeta' konvenuta ma jindikawx lill-attur;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li hi konvinta li s-socjeta' konvenuta naqset li tipprova li ghandha tircievi xi ammonti ta' flus mill-attur, tilqa' t-talba ta' l-attur u konsegwentement tichad it-talbiet tas-socjeta' Mirabel Distributors Limited fil-kawza indikata, bl-ispejjez.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------